Programme d'éducation
et de formation
tout au long de la vie

Methods
www.languages.dk

# Is-Simulazzjoni

## Metodu għat-Tagħlim tal-Lingwi




Dan il-proġett ġie ffinanzjat bl-għajnuna tal-Kummissjoni Ewropea. Din il-pubblikazzjoni tirrifletti biss il-fehmiet tal-awtur, u l-Kummissjoni ma tistax tinżamm responsabbli għal xi użu li jista' jsir mill-informazzjoni li tinsab fl-istess pubblikazzjoni.

METHODS 2013-1-FR1-1-LEO05-47980

# Werrej

**X'nifhmu b'Simulazzjoni . . . 3**

**Il-Benefiċċji . . . 6**

**L-Iżvantaġġi . . . 7**

**Soluzzjonijiet . . . 8**

**Qabel tibda . . . 9**

**Il-Formazzjoni tal-Gruppi. . . . 12**

**Il-Preparazzjoni għas-Simulazzjoni . . . 14**

**Kif tmexxi Simulazzjoni . . . 16**

**L-Evalwazzjoni u l-Assessjar ta' Simulazzjoni . . . 17**

**Mudell ta' Pjan ta' Lezzjoni ta' Qasira. . . . 19**

**Mudell ta' Pjan ta' Lezzjoni ta' Twila . . . 23**

**Biblijografija. . . . 27**

**Appendiċi . . . 28**

*Nota: Għalkemm id-dokument jitkellem dejjem fil-maskil (eż. għalliem, student), il-kontenut għandu jiġi mifhum li japplika bl-istess mod għall-ġeneru femminili.*

# X'nifhmu b'Simulazzjoni

Is-**Simulazzjoni** bħala metodu ta' tagħlim tal-lingwi ġiet interpretata f'riżorsi differenti, u/jew minn awturi differenti, b'modi differenti. It-termini wżati fil-logħob ta' rwol/simulazzjoni huma spiss intużati wkoll flok xulxin bħal, pereżempju: "simulazzjoni", "logħba", "logħba ta' simulazzjoni", "logħba ta' rwol", "simulazzjoni ta' rwol". Għalkemm il-kelma "simulazzjoni" u d-definizzjoni tagħha fid-dizzjunarju jistgħu jagħtu wieħed x'jifhem li waqt simulazzjoni l-parteċipanti jimitaw (jirreċtaw, jilagħbu, jippretendu), is-simulazzjonijiet fit-tagħlim tal-lingwi kif ippreżentati f'dan id-dokument ta' gwida mhumiex l-istess bħal logħob tar-rwol jew sempliċement logħob. F'dan il-kuntest, is-simulazzjonijiet huma bbażati fuq id-definizzjoni mogħtija minn Jones, jiġifieri bħala "realtà ta' funzjoni f'ambjent simulat u strutturat." Fi kliem ieħor, iktar milli jilagħbu rwol, l-istudenti jkollhom biċċa xogħol ta' veru x'iwettqu.

**Id-differenza bejn Simulazzjonijiet u Logħob tar-Rwol**

Billi spiss is-simulazzjonijiet iħalltuhom mal-logħob tar-rwol, fit-tabella ta' hawn taħt qegħdin jiġu elenkati d-differenzi ewlenin ta' bejn dawn iż-żewġ attivitajiet użati għat-tagħlim tal-lingwi:

| Simulazzjonijiet | Logħob tar-Rwol |
|---|---|
| L-ambjent (simulat) huwa pprovdut billi jintużaw testi u għajnuniet oħra awdjo-viżivi. | Il-parteċipanti jridu jikkreaw (jimmaġinaw) huma l-aspetti ewlenin tal-ambjent. |
| Jiġu pprovduti l-fatti prinċipali biex jinħoloq l-isfond (is-sess, l-età, l-impieg, ecc.). Ma jiġi pprovdut l-ebda test (skript). | Il-parteċipanti jivvintaw il-fatti ewlenin jew jirreċtaw skont skript speċifiku jew deskrizzjonijiet mogħtija lilhom. ("Int irrabjat għax ħabibek kissirlek l-arloġġ.") |
| Il-parteċipanti jassumu rwol (jaċċettaw doveri/responsabbiltajiet u jagħmlu x-xogħol skond il-personalità tagħhom). | Il-parteċipanti jirreċtaw rwol definit minn qabel (jippretendu li huma xi ħadd ieħor skont kif speċifikat fir-role card). |
| Il-parteċipanti jistgħu jużaw l-immaġinazzjoni tagħhom, imma ma jistgħux jivvintaw. | Il-parteċipanti huma inkoraġġiti jivvintaw/jikkreaw dak kollu li jħossu li hemm bżonn biex jirreċtaw il-parti. |
| Il-komunikazzjoni tkun ta' veru u ssir f'sitwazzjoni kkontrollata imma reali. | Id-djalogu jsir f'kuntesti li ma jinbidlux. F'każ ta' diskors improvizat, il-kuntest ikun wieħed immaġinarju. |

F'**Logħba tar-Rwol,** student jista' jiġi mitlub jagħmilha ta' kaxxier f'supermarket filwaqt li ieħor ikun klijent. L-istudenti jistgħu jingħataw linji gwidi pjuttost preċiżi rigward il-konversazzjoni ta' bejniethom jew liema elementi tal-lingwa huma mistennija li jkopru. Logħob tar-Rwol jinvolvi li l-parteċipanti 'jirreċtaw' ir-rwol assenjat lilhom kif definit b'mod ċar fuq ir-role card. Il-parteċipazzjoni f'logħba tar-rwol tista' tqabbilha ma' meta wieħed jieħu sehem f'reċta. Min-naħa l-oħra, is-**Simulazzjonijiet** jippermettu lill-istudenti li jesprimu ruħhom ma' sħabhom tat-tim (3 jew 4 studenti f'kull grupp), filwaqt li jżommu l-personalità tagħhom mingħajr il-ħtieġa li jippretendu li huma xi ħadd ieħor. Jew, kif tgħid Kate Wong:

"... is-simulazzjonijiet, kemm dawk sempliċi kif ukoll dawk kumplessi, ma jispeċifikawx ir-rwol li trid tilgħab il-persuna. Għall-kuntrarju, il-parteċipanti jingħataw biċċa xogħol li tirrikjedi li jsolvu xi tip ta' problema billi jużaw l-esperjenza ta' ħajjithom u skont il-karattru tagħhom. Is-simulazzjoni timita, kemm jista' jkun possibbli, sitwazzjoni reali tal-ħajja. Pereżempju, jekk ikollok grupp ta' tobba li jkunu qed jitgħallmu l-Ingliż bħala t-tieni lingwa tagħhom u dawn għandhom bżonn jipprattikaw f'kuntest tal-"ħajja ta' veru", tkun trid toħloq sitwazzjoni simulata fi sptar jew f'ċentru tas-saħħa fejn it-tobba jkollhom jiltaqgħu mal-'pazjenti', jidentifikaw il-problema, u jagħtu l-kura jew jippreskrivu l-mediċina. Il-'pazjenti' jistgħu jingħatawlhom is-sintomi (jew jivvintawhom huma stess), filwaqt li t-tobba jridu jsibu l-kawża tal-mard (billi jużaw l-esperjenza tagħhom) waqt li jikkomunikaw mal-pazjenti. Il-problema tiġi riżolta meta t-tabib jagħmel id-dijanjosi u jippreskrivi t-terapija."

**Terminoloġija**
Huwa importanti wkoll li wieħed jifhem it-terminoloġija wżata f'xi letteratura u riżorsi li jitkellmu fuq simulazzjonijiet għaliex, skont Jones: "Il-kliem użat ħażin iwassal għal aspettattivi ħżiena u l-aspettattivi ħżiena jwasslu għal imġiba ħażina." It-termini wżati fis-simulazzjonijiet jirriflettu d-differenzi ewlenin bejn simulazzjonijiet u attivitajiet oħra interattivi, partikolarment fejn jirrigwarda n-natura tal-avveniment, ir-rwoli tal-għalliem u tal-istudenti, l-imġiba tagħhom u l-iskop tal-attività. It-tabella ta' hawn taħt tagħti ħarsa ħafifa lejn it-terminoloġija li hija rakkomandata li tintuża għas-simulazzjonijiet. Minkejja li hemm xi xebh ħafif bejn it-terminoloġija li hija addattata u dik li mhix, però t-termini ma jikkorrispondux eżatt.

| Termini addattati | Termini mhux addattati |
|---|---|
| simulazzjoni, attività, avveniment | logħba, rappreżentazzjoni, logħba tar-rwol, eżerċizzju |
| parteċipant | plejer, attur, apprentist, student |
| facilitator (organizzatur), kontrollur | għalliem, trainer, instructor |
| imġiba, funzjoni, professjoni | jilagħbu, jirreċtaw, jaħdmu fuq il-palk |
| rwol (funzjonali) | rwol (jilagħbu parti) |
| imġiba responsabbli bħal fil-ħajja ta' veru | jirbħu (jitilfu) l-logħba |
| etika bħal fil-ħajja ta' veru | jiskorjaw il-punti, jieħdu gost |
| kondotta professjonali | jilagħbu l-logħba, jagħmlu eżerċizzju, eċċ. |

Fi ftit kliem, is-simulazzjonijiet jipprovdu mod kif jiġi kkreat ambjent rikk ta' komunikazzjoni (rappreżentazzjoni tar-realtà) fejn l-istudenti jassumu **rwoli funzjonali** – doveri u responsabbiltajiet differenti - u jaħdmu flimkien bħala membri ta' grupp biex jieħdu deċizjonijiet u jsibu soluzzjonijiet f'sitwazzjonijiet marbutin mill-qrib mal-ħajja reali. Biex jilħqu dan il-għan iridu **jikkomunikaw** bil-lingwa barranija li jkunu qed jitgħallmu, **iġibu ruħhom b'mod responsabbli (professjonali) kif mistenni fil-ħajja reali** u **jirrispettaw l-etika bħallikieku fil-ħajja ta' veru.** Din tal-aħħar hija d-distinzjoni ewlenija bejn logħob u simulazzjonijiet (Jones 1995, pġ. 13). Pereżempju, nimmaġinaw li hemm

logħba jisimha *”Survivor”.* Meta jmissu plejer partikolari, huwa jitfa’ d-dada u din tiġi f’żona fejn jista’ jieħu bonus card, u allura jieħu bonus card. Il-bonus card tgħid, “Ħu xi ħaġa milli għandu plejer ieħor.” Il-plejer jagħżel oġġett tal-ikel minn ta’ plejer ieħor bir-riżultat li l-plejer li jitteħidlu l-oġġett tal-ikel imut fuq il-gżira u jitlef il-logħba. F’logħba huwa aċċettabbli li tieħu l-ikel ta’ ħaddieħor, anke jekk dan imut kaġun ta’ hekk, għax il-plejer qiegħed sempliċement jimxi mar-regola u jilgħab il-parti tiegħu.
Fis-simulazzjonijiet, imma, azzjoni bħal din mhix aċċettabbli minħabba li hemm problema ta’ etika.

Mela, fit-tagħlim tal-lingwi s-simulazzjonijiet nistgħu nirreferu għalihom bħala simulazzjonijiet “ta’ komunikazzjoni” għaliex huma ddisinjati biex joħolqu komunikazzjoni reali (Bambrough, 1994, pġ. 16). Madankollu, il-proċess tal-eżerċizzju huwa importanti mill-inqas daqs dak li joħroġ minnu fis-sens li l-iskambju lingwistiku ta’ bejn l-istudenti jiddetermina kemm l-eżerċizzju jkun suċċess u effettiv (Jones 1995). Jiġifieri, il-membri tal-grupp mhumiex mistennija biss jagħtu importanza lil xi elementi partikolari tal-lingwa, imma r-riżultat għandu jkun komunikazzjoni effettiva iktar milli l-użu strettament korrett tal-vokabularju u l-istrutturi.

## Il-Benefiċċji

**Is-Simulazzjoni...**

– iżżid l-awtonomija u l-motivazzjoni tal-istudenti

– tnaqqas il-livell ta' ansjetà fl-istudenti

(mhumiex qed jagħmlu l-azzjoni għall-għalliem jew għall-klassi)

– tgħin lill-istudenti jiżviluppaw il-ħiliet meħtieġa biex jaħdmu tajjeb f'tim

(ħiliet għall-ħajja)

– issaħħaħ fl-istudenti ħiliet ta' koperazzjoni u kollaborazzjoni

(tagħti l-opportunità lill-istudenti li jwettqu biċċa xogħol u jsolvu problema flimkien)

– telimina l-element ta' korrezzjoni fil-ħin li tkun qed issir l-attività

– tippermetti lill-istudenti li jesperimentaw b'vokabularju ġdid u bl-istrutturi

– tagħti l-libertà lill-istudenti li jagħmlu l-għażliet u d-deċiżjonijiet tagħhom

– tħalli lill-istudenti jibbażaw l-għażliet u d-deċizjonijiet tagħhom fuq l-esperjenza tagħhom

– tgħin lill-istudenti jiffaċċjaw u jidentifikaw mal-kultura marbuta mal-lingwa barranija li jkunu qed jitgħallmu

– tagħti lill-istudenti l-kunfidenza li jistgħu jgħidu, **"Għamiltha, mela jien kapaċi nagħmilha"**

(mhux it-tip ta' kunfidenza li tiġi minn, **"Qrajtha, mela issa nafha"**)

– tibdel ir-relazzjoni normali ta' bejn l-għalliem u l-istudenti

(tagħti lill-istudenti kontroll assolut tas-sitwazzjoni)

– tippermetti lill-għalliem li josserva, b'mod diskret, kif tkun sejra l-attività u l-livell ta' parteċipazzjoni.

> Għidli, jien ninsa.
> Urini, jien niftakar.
> Involvini, jien nifhem.
>
> *(Proverbju Ċiniż)*

## L-Iżvantaġġi

**Is-Simulazzjoni...**

– issaħħaħ il-pronunzja żbaljata tal-istudenti

– tippermetti li l-istudenti jifhmu ħażin u jużaw vokabularju ġdid u strutturi b'mod żbaljat

– tirnexxi l-iktar meta l-kelliema jkunu diġà jafu jitkellmu mhux ħażin bil-lingwa barranija li jkunu qed jitgħallmu

– tinħtieġ il-preparazzjoni u għalhekk tnaqqas mill-ħin għat-tagħlim tal-lingwa barranija fil-klassi

– tinħtieġ iktar ħin għall-implimentazzjoni (ippjanar, preparazzjoni, adattament tal-klassi, riżorsi bil-"fatti", ecc.)

– tista' tagħti ċ-ċans lil studenti inqas motivati biex ma jipparteċipawx

– tista' tħalli lill-għalliem iħossu bla effett jew eskluż.

## Soluzzjonijiet

**L-Għalliem għandu...**

– jitkellem bil-lingwa barranija li jkunu qed jitgħallmu l-istudenti waqt il-fażi ta' preparazzjoni

JEW

– jagħżel suġġett sempliċi li jkun familjari għal ħafna mill-istudenti, anke jekk dawn ikunu prinċipjanti

– jassigura li s-simulazzjoni hija rilevanti u ta' interess għall-istudenti

– jifforma gruppi b'livell ta' ħiliet imħallta jew differenti skont il-bżonnijiet talistudenti

– josserva l-livell lingwistiku tal-gruppi kif ukoll il-livell ta' parteċipazzjoni waqt issimulazzjoni u jieħu n-noti

– jagħti feedback pożittiv iżda kostruttiv

– jitlob feedback mingħand l-istudenti permezz ta' metodi differenti (*stħarriġ, debriefing,* eċċ.)

– jibbaża l-eżercizzji riparatorji li jsiru wara s-simulazzjoni fuq dak li josserva waqt l-attività

– jieħu in konsiderazzjoni l-interessi tal-istudenti u l-feedback tagħhom meta jkun qiegħed jippjana simulazzjonijiet ġodda.

## Qabel tibda

Hemm xi punti importanti li għandhom jiġu kkunsidrati qabel tibda s-simulazzjoni. Din is-sezzjoni tispjega fil-qosor il-karatteristiċi prinċipali tas-simulazzjonijiet u tagħti xi pariri siewja biex ikun żgurat li dawn l-attivitajiet jirnexxu meta jsiru fil-klassi.

**1. Ir-Rilevanza tar-Realtà – "Ir-realtà tal-parteċipazzjoni"**
Biex tkun suċċess, simulazzjoni trid tkun imsejsa fuq sens ta' realtà jew inkella tikkrea realtà ġdida fjamanta. Idealment għandha tkun rilevanti għall-ħajja u għall-interessi tal-istudenti biex huma jkunu jistgħu jesprimu **lilhom infushom** bil-lingwa barranija meta jikkomunikaw waqt is-simulazzjoni. Altrimenti l-eżerċizzju jsir logħba tar-rwol li, għalkemm utli, ma jħallix lill-istudenti jkunu huma nfushom, imma jassumu l-personalità ta' xi ħadd ieħor u ma jġibux ruħhom daqslikieku huma. Meta l-istudenti jiġu introdotti għas-simulazzjonijiet bħala metodu ġdid għat-tagħlim tal-lingwi, huma jistgħu jintalbu jissuġġerixxu sitwazzjonijiet fil-ħajja ta' veru, li jkunu bbażati fuq l-interessi, l-esperjenza u l-pjanijiet tagħhom għall-futur bħal, pereżempju, isiefru biex jistudjaw, biex jagħmlu perjodu ta' apprentistat, jew biex isibu impieg. Dan iżidilhom il-motivazzjoni u jurihom kemm huwa ta' siwi li jkunu kapaċi jitkellmu b'ilsna barranin fil-ħajja ta' veru.

L-iktar ħaġa importanti hija li s-simulazzjoni trid tkun attività li **ma tkunx lezzjoni**. Il-parteċipanti jridu jidħlu fil-funzjoni mentalment u b'imġibithom biex iwettqu d-doveri u r-responsabbilatjiet meħtieġa fis-sitwazzjoni (Jones, 1982, pġ. 5). L-iktar parti importanti f'simulazzjoni hija li l-parteċipanti jaċċettaw totalment ir-realtà tal-funzjoni (ir-rwol u d-doveri). Ma jistgħux jaħsbu bħala studenti, imma jridu jassumu r-rwol. Jekk ma jagħmlux hekk, is-simulazzjoni ma tirnexxix. Li wieħed jaċċetta l-funzjoni jfisser li parteċipant li għandu l-funzjoni ta' tabib irid jezamina l-pazjent u jikkomunika b'mod effettiv biex ikun jista' jagħmel xogħlu. Ir-rwol tal-istudenti f'simulazzjoni għalhekk huwa li:

(1) bħala parteċipanti jassumu rwoli funzjonali, pereżempju ta' ġurnalista, ta' wieħed li baqa' ħaj wara xi traġedja, ta' klijent
(2) jidħlu fl-avveniment, u
(3) jagħtu sura lill-avveniment billi jwettqu d-doveri u r-responsabbiltajiet tagħhom kif jidhrilhom l-aħjar.

Hawnhekk il-kelma "funzjonali" mhix qed tiġi wżata fis-sens li wieħed ikun kapaċi jordna l-ikel jew isaqsi d-direzzjoni għal xatt il-baħar. F'dan il-kuntest il-kelma "funzjonali" tiġbor il-vokabularju kollu relatat mal-biċċa xogħol (il-funzjoni) u l-imġiba xierqa biex tiġi kkomunikata r-realtà tal-funzjoni waqt is-simulazzjoni.

Biex issir simulazzjoni huwa importanti ħafna li jingħażel suġġett li jkun jinteressa lill-istudenti għaliex dan huwa marbut mill-qrib mal-livell ta' **motivazzjoni** li "tiġġenera lilha nfisha peress li l-mottiv joħroġ mill-funzjoni, mid-doveri, mir-responsabbiltajiet u miċ-ċirkostanzi li fihom il-parteċipanti jsibu ruħhom" (Jones, 1982).
Waqt is-simulazzjoni, l-istudenti għandhom ħafna opportunitajiet biex is-simulazzjoni jagħmlu xi ħaġa minnha, u mhux neċessarjament jagħmluha tajba, għax dan jiddependi minn kif iħaddmu l-lingwa. Għalhekk, m'hemm bżonn l-ebda sforz biex l-istudenti jiġu

motivati, sakemm huma jaċċettaw ir-realtà tal-funzjonijiet tagħhom. Il-motivazzjoni tista' tiġi wkoll mis-sodisfazzjon emozzjonali jew mill-gost tal-poter li jieħdu d-deċizjonijiet, u mill-pjaċir u l-eċċitament li jinħoloq mir-rapport ta' bejn il-grupp.  Għall-benefiċċji mhux lingwistiċi tas-simulazzjoni, ara:

http://uk.cambridge.org/elt/ces/methodolgy/simulation.htm
http://www.languages.dk/methods/documents/language_sim.htm

**2. Ambjent simulat**
Biex tiġi sodisfatta l-kundizzjoni essenzjali ta' ambjent simulat, jeħtieġ li ma jkun hemm l-ebda kuntatt bejn il-parteċipanti u d-dinja ta' barra l-klassi (Jones, 1982, pġ. 5). Ħaġa li rridu nżommu f'moħħna hija li l-ambjent biss huwa simulat, imma l-imġiba tal-parteċipanti hija reali.

Biex jiżdied ir-realiżmu, partikolarment f'simulazzjonijiet aktar twal, il-klassi għandha tiġi addattata biex tkun l-istess bħall-ambjent li fih jingħad li qed issir l-attività.  Jiġifieri għal simulazzjoni li tkun qed issir f'uffiċċju, il-klassi tista' tiġi addattata b'mod li tkun qisha replika ta' uffiċċju ta' veru.  Għalkemm dan mhux dejjem prattikabbli, hemm modi oħra kif jista' jinbidel l-ambjent tat-tagħlim biex jiġi jixbah dak propost fis-sezzjoni "Simulazzjoni", bħal:

- Il-blekbord (jew white board) jista' jiġi addattat biex jiġi qisu notice board li nsibu f'uffiċċju
- l-iskrivaniji jistgħu jitressqu viċin xulxin jew jitpoġġew iktar 'il bogħod biex jiġu qishom skrivaniji f'uffiċċju
- jitneħħew il-posters/għajnuniet viżwali assoċjati b'mod ċar mal-iskola/kulleġġ u minflokhom jiddendel materjal iktar addattat u relatat max-xogħol
- ir-radju jkun miftuħ, preferibbilment fuq stazzjon li jxandar bil-lingwa barranija li jkunu qed jitgħallmu l-istudenti, u jekk le, ikun qed iddoqq il-mużika
- ikun hemm telefowns/faxes/kompjuters
- fuq l-iskrivaniji jkun hemm ikel, xorb u oġġetti oħra personali.

**3. Tul tas-Simulazzjonijiet**
F'simulazzjoni l-grupp jingħata biċċa xogħol li tista' tieħu sessjoni waħda jew tkun mifruxa fuq numru ta' sessjonijiet.

Ix-xogħol jista' jieħu ħin qasir jew ħin iktar twil, u jista' jkun aktar varjat u kumpless ara www.languages.dk/methods/methods.html.
It-tul tas-simulazzjoni mhux bilfors ikun marbut mal-kumplessità tal-lingwa meħtieġa biex tiġi mwettqa l-attività, peress li huma l-ħiliet lingwistiċi tal-istudenti li jiddeterminaw il-komplessità lingwistika tal-eżerċizzju.  Fl-aħħar tal-attività l-grupp ikun wasal għal xi deċiżjoni jew serje ta' deċiżjonijiet u għażliet li jkun mistenni jispjega u jiġġustifika.

Għall-bidu jista' jkun aħjar li s-simulazzjonijiet ikunu qosra biex l-istudenti jirċievu u jagħtu l-*feedback* kemm jista' jkun malajr.  Li jirnexxilhom ilestu b'suċċess biċċa xogħol żgħira (jew iktar minn biċċa xogħol waħda żgħira), ikattrilhom il-kunfidenza u

l-motivazzjoni biex jagħmlu aktar simulazzjonijiet. Però, simulazzjonijiet qosra jistgħu jiġu ppjanati b'mod li jsegwu u li finalment jiffurmaw suġġett eżawrjenti. Iktar tard, dawn ikunu jistgħu jiġu mqassra f'attività sħiħa u loġika. Pereżempju, is-suġġett "F'pajjiż barrani" (li hu marbut mill-qrib mal-mobilità dejjem tiżdied fl-UE) jista' jiġi mqassam f'simulazzjonijiet qosra bħal: "Fl-ajruport", "Infittxu flat", "L-ewwel intervista tiegħi għal xogħol", "Festin għall-ħbieb ġodda u kollegi", eċċ.

**4. Ir-Rwol tal-Għalliem**

L-għalliem ma jipparteċipax f'attivitajiet ta' simulazzjoni. Jones jgħid li r-rwol tal-għalliem f'simulazzjoni huwa li jkun kontrollur tajjeb, u jikkompara dan ir-rwol ma' dak ta' kontrollur tat-traffiku, ċioè: "persuna li tikkontrolla ċ-ċirkolazzjoni tat-traffiku, tipprova tnaqqas l-ostakoli, imma ma tgħidx lis-sewwieqa individwali liema direzzjoni jieħdu." Daqstant ieħor l-għalliem għandu sempliċement josserva dak li jkun għaddej b'mod diskret, filwaqt li l-parteċipanti huma responsabbli biex isolvu l-problemi assenjati lilhom u jagħmlu d-deċizjonijiet. Dan ifisser li, waqt attivitajiet ta' simulazzjoni, l-għalliem la għandu jgħin lill-parteċipanti u lanqas jissuġġerilhom ideat kif isolvu l-problemi jew jagħmlu d-deċiżjonijiet.

L-istudenti jieħdu l-iżbalji f'kull sitwazzjoni fejn ikun qiegħed isir it-tagħlim. L-għalliem jista' jikkonsidra sessjoni ta' simulazzjoni bħala, fost oħrajn, attività dijanjostika li matulha jista' jinnota l-iżbalji l-iktar spissi biex ikun jista' jużahom 'il quddiem bħala s-suġġett ta' sessjonijiet ta' tagħlim riparatorju. Jekk l-għalliem jikkorreġi spiss wisq lill-istudenti waqt li jkunu qed jitkellmu, dan jista' jiddemotivahom. Il-kwistjoni hija jekk l-għalliem huwiex kapaċi jassumi dan ir-rwol mingħajr ma jħossu skomdu bħala kontrollur li joqgħod jisma' lill-istudenti jagħmlu l-iżbalji u ma jiġbdilhomx l-attenzjoni. Jekk l-għalliem irid iwettaq b'mod effettiv ir-rwol mistenni minnu waqt simulazzjoni, għandu jaġixxi ta' kontrollur prudenti u mhux jindaħal fil-proċess biex jinkoraġġixxi lill-istudenti jkunu aktar attivi. Dan tal-aħħar huwa neċessarju biex jiġi rispettat il-prinċipju tal-awtonomija li l-istudenti għandhom ikollhom waqt simulazzjoni. [Ara McArthur (1983) u Sharrock and Watson (1985)] Fil-fatt, l-għalliem ma jkunx passiv. Huwa jista' jagħmel nota tal-iżbalji li jagħmlu l-istudenti bil-ħsieb li jaħdem iktar fuqhom wara s-simulazzjoni.

**5. L-użu tal-lingwa barranija li jkunu qed jitgħallmu l-istudenti**

Sakemm l-istudenti ma jkunux għadhom prinċipjanti, in-natura u l-iskop tas-simulazzjoni għandhom jiġu spjegati esklussivament, jew safejn ikun possibbli, bil-lingwa barranija (p.e. il-LB = l-Ingliż). Jekk l-għalliem jaqleb għal-lingwa nattiva waqt li jkun qed jagħmel l-ispjegazzjoni, idgħajjef l-idea li l-lingwa barranija tista' tintuża biex issir konversazzjoni fil-ħajja ta' kuljum. F'dan il-każ, il-lingwa barranija hija kwalunkwe lingwa li tintuża għal skop ta' komunikazzjoni. La darba ma hemm l-ebda relazzjoni bejn il-funzjoni komunikattiva u l-forma, l-istudenti jistgħu jużaw varjetà ta' strutturi lingwistiċi biex iwettqu l-attività assenjata lilhom skont il-livell tagħhom.

Jekk l-istudenti ma jħossuhomx kapaċi jesprimu ruħhom tajjeb biżżejjed bil-lingwa barranija, dan jista' jġegħelhom joqogħdu lura u jħallu x-xogħol il-kbir għal sħabhom l-oħra tal-grupp li jsibuha aktar faċli biex jitkellmu bil-lingwa barranija. Għalkemm din

hija problema li ġeneralment tiġri f'kull xogħol fi grupp, u ma nsibuhiex biss f'attivitajiet ta' simulazzjoni, il-fatt li l-għalliem ma jista' jagħmel xejn, jiggrava l-problema.

Huwa ċar li kelliema tajbin, f'kull lingwa, ikunu kapaċi joperaw fi kwalunkwe sitwazzjoni f'livell lingwisiku iktar għoli u kumpless. Iżda, peress li l-għan tas-simulazzjoni huwa li l-istudenti jiġu inkoraġġiti jesprimu **lilhom infushom** bil-lingwa barranija skont il-livell tagħhom, il-membri kollha tal-grupp għandhom jibbenefikaw mill-eżerċizzju u jibbenefikaw minnu fi gradi differenti. Madankollu, jekk l-istudenti jkunu għadhom qegħdin jitħabtu biex jitgħallmu l-elementi fundamentali tal-lingwa barranija, il-parteċipazzjoni tagħhom f'simulazzjoni twila tista' ttellifhom mill-motivazzjoni minflok tinkoraġġihom. Jekk l-istudenti ma jħossuhomx kunfidenti biex jitkellmu bil-lingwa barranija, jew għandhom livell pjuttost baxx, is-simulazzjoni għandha tippreżenta sitwazzjoni familjari li l-istudenti għandhom esperjenza tagħha fil-ħajja ta' veru (eż. isaqsu t-triq, jixtru, jippreparaw ikla għal okkażjoni speċjali, eċċ.) u jiġu pprovduti għajnuniet awdjo-viżivi bħala għajnuna fl-ambjent simulat.

## Il-Formazzjoni tal-Gruppi

L-għalliem jaf lill-istudenti tiegħu ħafna aħjar minn kull teorista; għalhekk, huwa hu li jrid jiddetermina kif l-aħjar jista' jibbenefika l-ikbar numru ta' studenti. Jekk huwa jħoss li l-għajnuna tal-istudenti iktar avvanzati tista' tkun ta' benefiċċju għal dawk aktar lura, huwa jista' jagħżel **gruppi ta' studenti b'ħiliet imħallta**. Jekk, però, iħoss li l-istudenti inqas avvanzati jħossuhom intimidati fi gruppi b'ħiliet imħallta, jista' jkun aħjar li l-formazzjoni tal-gruppi tkun ibbażata fuq il-livell li l-istudenti għandhom fil-lingwa barranija. Iktar milli jsegwi xi proċedura stabbilita, l-għalliem għandu jibbaża d-deċiżjoni tiegħu fuq dak li jaf fuq l-istudenti. Fil-formazzjoni tal-gruppi tinħtieġ sensittività: l-istudenti m'għandhomx jieħdu l-idea li jeżistu gruppi tal-"bravi" u oħrajn komposti minn studenti "batuti". L-għażla u l-formazzjoni tal-gruppi jistgħu wkoll jiġu bbażati fuq l-attivitajiet li jkunu jridu jitwettqu. Pereżempju, jekk l-ambjent simulat huwa post tax-xogħol, l-istudenti għandhom jiġu ffurmati fi gruppi bl-addoċċ, u hekk jiġi enfasizzat il-fatt li f'post tax-xogħol fil-ħajja ta' veru, ftit huwa ċ-ċans li wieħed ikun jista' jagħżel il-membri tat-tim tiegħu. Imma, jekk is-simulazzjoni għandha l-għan li tinkoraġġixxi lill-istudenti li jsegwu l-interessi jew il-miri tagħhom personali, huma għandhom jitħallew jiffurmaw gruppi li jkunu bbażati fuq interessi u/jew għanijiet komuni. Huwa importanti li l-istudenti jsiru konxji tad-diversità li teżisti f'timijiet f'postijiet tax-xogħol ta' veru fejn tim spiss ikun magħmul minn taħlita ta' individwi li jvarjaw fl-abbiltà, fil-ħiliet lingwistiċi u fil-personalità tagħhom, u anke fil-mod kif jaħdmu, eċċ. Għandu jiġi aċċennat li l-kapaċità li wieħed jaħdem fi grupp magħmul minn nies differenti hija apprezzata ħafna minn min iħaddem. It-tabella li ssegwi tista' tgħin biex jittieħdu deċizjonijiet dwar il-formazzjoni ta' gruppi bbażati fuq il-ħiliet lingwistiċi tal-istudenti.




**Bħal f'ħafna forom ta' xogħol fi grupp, żomm kemm il-ħbieb kif ukoll l-għedewwa 'l bogħod minn xulxin. Hekk kull grupp ikun jista' joħloq id-dinamika tiegħu f'dan l-ambjent ġdid "ta' veru".**

## Il-Preparazzjoni għas-Simulazzjoni

Il-fażi preparatorja hija ta' importanza vitali biex simulazzjoni tirnexxi. L-għalliem għandu jippjana din il-fażi b'ħafna attenzjoni biex jipprovdi lill-istudenti l-informazzjoni kollha neċessarja għax iktar tard ma jkunx jista' jagħti iktar għajnuna lill-istudenti minħabba r-rwol li huwa għandu (dak ta' kontrollur biss) waqt il-proċess ta' simulazzjoni.

Il-preparazzjoni tal-għalliem għas-simulazzjoni tista'/għandha tinkludi dawn l-attivitajiet:

- Jekk l-istudenti ma jkollhomx esperjenza ta' xogħol fi grupp, jew jekk l-esperjenza tagħhom tkun żgħira ħafna, l-għalliem għandu jispjegalhom il-benefiċċji tal-kollaborazzjoni ma' sħabhom kemm fiż-żmien li għadhom jistudjaw kif ukoll meta jkunu jaħdmu;
- L-għalliem għandu jipprovdi lill-istudenti l-istrateġiji u l-għodda li għandhom bżonn biex ikunu kapaċi jiffaċċjaw l-aktar problemi komuni assoċjati ma' xogħol fi grupp (kif inaqqsu l-konflitt, kif jinnegozjaw, it-tolleranza, in-nuqqas ta' kunfidenza li jżommhom milli jipparteċipaw b'mod attiv, eċċ.);
- L-għalliem għandu jispjega r-rwol speċifiku tiegħu waqt il-proċess ta' simulazzjoni (ċioè li ma jista' jagħti l-ebda għajnuna) u jinkoraġġixxi lill-istudenti jiċċaraw id-diffikultajiet tagħhom billi jagħmlu l-mistoqsijiet tagħhom f'dan l-istadju;
- L-għalliem għandu jiċċekkja l-interess tal-istudenti fis-suġġett magħżul jew jagħtihom iċ-ċans jipparteċipaw fl-għażla ta' suġġett li l-aktar jimmotivahom (partikolarment l-ewwel darba li jkun qed jimplimenta simulazzjoni);
- L-għalliem għandu jitlob lill-istudenti jagħmlu s-suġġerimenti u/jew il-kontribuzzjonijiet tagħhom dwar kif għandha tiġi addattata l-klassi biex jiġi kkreat ambjent simulat li jimmotivahom;
- L-għalliem għandu jispjega l-proċess ta' simulazzjoni fid-dettall: il-formazzjoni tal-gruppi, ir-rwoli/l-attivitajiet funzjonali, ir-riżultati mistennija mill-eżerċizzju, il-ħin għad-dispożizzjoni, il-metodi ta' kontroll (osservazzjoni, rekordjar), il-kriterji ta' evalwazzjoni/assessjar u l-attivitajiet li jridu jsegwu l-proċess ta' simulazzjoni, p.e. sessjoni ta' *debriefing* (fejn isiru serje ta' mistoqsijiet dwar kif mar l-eżerċizzju) u *feedback*, evalwazzjoni u assessjar, u lezzjonijiet riparatorji biex jiġu rimedjati l-iżbajli u n-nuqqasijiet li jiġu innotati waqt is-simulazzjoni.

Waħda mill-mistoqsijiet li l-għalliema spiss isaqsu lilhom infushom f'dan l-istadju hija liema lingwa jagħżlu biex jagħmlu l-attivitajiet preparatorji - il-lingwa barranija, dik nattiva, jew taħlita tat-tnejn flimkien? Dan japplika speċjalment meta s-simulazzjoni tkun qed tiġi implimentata fi klassi ta' studenti li l-livell lingwistiku tagħhom huwa pjuttost baxx jew ivarja. It-tabella ta' hawn taħt tista' tkun ta' għajnuna fit-tħejjija tal-pjan preparatorju:


Tista' tiġi wżata l-lingwa barranija biex tiġi spjegata s-simulazzjoni?
IVA
LE
L-istudenti kemm urew interess fis-suġġett propost?
Jista' dan in-nuqqas jiġi rimedjat malajr u b'mod effettiv?
IVA
LE
LE
IVA
Agħżel suġġett aktar addattat għas-simulazzjoni.
Aħseb f'metodu aktar addattat JEW agħti l-ispjegazzjoni bil-lingwa nattiva (lil studenti prinċipjanti biss)
Qassam lill-istudenti fi gruppi addattati.
Spjega n-natura tas-simulazzjoni u agħmilha ċara lill-istudenti kemm għandhom ħin biex ilestu l-eżerċizzju. Għidilhom li, waqt is-simulazzjoni, jistgħu jitkellmu biss bil-lingwa barranija
Fl-istadju ta' preparazzjoni għallem lill-istudenti l-vokabularju meħtieġ u l-frażijiet bżonjużi għal waqt is-simulazzjoni.
Dawwar il-klassi biex ikollha d-dehra tal-ambjent li qed jiġi simulat.
Installa l-audio/video recorders, possibilment f'postijiet fejn ma jagħtux fil-għajn.

## Kif tmexxi Simulazzjoni

- Kun żgur li l-preparazzjoni kienet dettaljata u adegwata, li l-istudenti jafu kemm għandhom ħin biex ilestu s-simulazzjoni u dak li għandu x'jaqsam magħha, u li jafu eżattament x'inhu mistenni minnhom fl-istadji differenti tal-proċess.

- Kien possibbli jew neċessarju li ddawwar il-klassi biex jiġi kkupjat l-ambjent addattat għas-simulazzjoni? Qabbad lill-istudenti biex jikkrejaw materjal viżwali u/jew iġibu oġġetti tipiċi għall-ambjent simulat – oġġetti u materjali mill-ħajja ta' kuljum li jintużaw bħala għajnuna għat-tagħlim (realia).

- L-istudenti għandhom il-materjali kollha neċessarji biex iwettqu s-simulazzjoni bl-aktar mod effettiv? Huwa importanti li jiġu pprovduti – u mhux ivvintati mill-parteċipanti – il-"fatti" essenzjali tal-ambjent tas-simulazzjoni, sabiex hekk tiġi ppriżervata r-realtà tal-funzjoni.

- Ġie installat xi apparat jew xi proċess ieħor biex jirrekordja dak li jkun qed jiġri f'kull grupp?

- Jekk il-preżenza tal-għalliem fil-klassi ma tfixkilx lill-istudenti, jista' jkun li ma jkunx hemm bżonn li l-proċess jiġi rrekordjat. Imma jrid ikun assigurat li n-noti li jieħu l-għalliem fuq il-formola għall-osservazzjonijiet iniżżilhom mingħajr ma jindunaw l-istudenti.

- Il-gruppi u l-membri rispettivi qegħdin kollha jaħdmu tajjeb u jikkontribwixxu għall-proċess? Jekk le, jista' jkun hemm il-ħtieġa – mhux waqt il-ħin tas-simulazzjoni – li tiġbed l-attenzjoni biex is-sessjonijiet ta' wara jkunu aktar produttivi.

- Waqfet id-diskussjoni? Jekk iva, mingħajr ma tintervjeni fis-sessjoni, ibdel l-iskeda biex l-istudenti ma jħossuhomx mitlufin.

## L-Evalwazzjoni u l-Assessjar ta' Simulazzjoni

Probabbilment l-evalwazzjoni u l-assessjar ta' simulazzjoni jirrappreżentaw l-iktar fażi ta' sfida fil-proċess kollu għaliex ma hemm l-ebda linji gwida stabbiliti li jistgħu jiġu applikati mingħajr ma ssir riferenza għas-sistemi edukattivi nazzjonali, il-prattika lokali u r-regolamenti tal-istituzzjoni. Tradizzjonalment, l-evalwazzjoni u l-assessjar tal-ħiliet lingwistiċi jirrikjedu l-espressjoni/komunikazzjoni orali jew varji eżerċizzji bil-miktub. Fil-każ ta' simulazzjoni, l-evalwazzjoni u l-assessjar għandhom isiru fuq l-attività kollha u mhux sempliċement jiġu bbażati fuq il-prodott finali jew ir-riżultat. Skont Littlejohn (1990), "l-użu ta' simulazzjonijiet bħala strument ta' ttestjar ... huwa żvilupp importanti għax għandu jkun possibbli li jiġu imitati sitwazzjonijiet fejn l-istudenti jkollhom jużaw il-lingwa." Huwa jżid li din ix-xorta ta' emulazzjoni "tippermettilna naraw mhux biss kif ġiet użata l-lingwa, iżda wkoll il-proċess li wassal għal dak l-użu tal-lingwa." Waqt li l-metodi tradizzjonali jagħtuna ħjiel kif l-istudent jista' *forsi* jġib ruħu f'sitwazzjoni reali, "is-simulazzjonijiet juruna kif l-istudent iġib ruħu *attwalment*."

Madankollu, sa ma tispiċċa s-simulazzjoni, l-għalliem ikun ħa idea ġenerali ta' kif marru l-istudenti u anke l-gruppi, u jekk l-eżerċizzju fih innifsu kienx suċċess. Ir-risposti għall-mistoqsijiet li ġejjin jistgħu jgħinu biex issir l-ewwel evalwazzjoni ġenerali:

- *Il-gruppi kienu jafu x'inhuma jagħmlu?*
- *Kienu kapaċi jaħdmu mingħajr l-għajnuna tal-għalliem?*
- *Ħadmu b'mod effettiv, u għamlu x-xogħol kollu li kien meħtieġ?*
- *Ħadu deċiżjonijiet? Għamlu għażliet?*
- *L-istudenti u l-gruppi kienu kollha motivati biżżejjed?*
- *Fil-maġġoranza, l-użu tal-lingwa kien realistiku u naturali?*
- *L-istudenti nfushom kemm ħassew li l-attività kienet ta' benefiċċju?*

Biex issir evalwazzjoni dwar kemm kienet effikaċi s-simulazzjoni, ikun ta' siwi li dawk kollha involuti jagħtu l-feedback tagħhom: l-għalliem fir-rwol tiegħu ta' osservatur/kontrollur u l-istudenti bħala parteċipanti fl-attività. Għal evalwazzjoni iktar dettaljata ta' simulazzjoni, tista' tintuża taħlita ta' wħud mill-metodi proposti hawn taħt:

- Formola għall-Feedback tal-Istudenti (Appendiċi 1)
- Formola għall-Osservazzjonijiet tal-Għalliem (Appendiċi 2)
- Formola biex l-Istudent jassessja lilu nnifsu – b'sentenzi "Jien naf/kapaċi nagħmel" (Appendiċi 3)
- Formola għall-Assessjar tal-Għalliem (Appendiċi 4)
- *Recordings* b'mezzi awdjo-viżivi
- Sessjoni ta' *debriefing.*

Wara attività ta' simulazzjoni, huwa importanti ħafna li ssir sessjoni ta' *debriefing*. Skont Jones dan mhux sempliċement biex tingħalaq l-attività; imma, fil-fatt, dan huwa l-iktar stadju kritiku tal-proċess kollu. Huwa jissuġġerixxi li tkun idea tajba li d-*debriefing* jibda billi kull parteċipant jintalab jispjega fil-qosor huwa x'għamel u għaliex. Dan jagħti ċ-ċans lill-istudenti li jkomplu jinvolvu ruħhom f'attivitajiet ta' komunikazzjoni u wkoll isiru jafu aħjar x'sar waqt is-simulazzjoni. Hija opportunità għall-istudenti biex iħarsu lejn l-imġiba tagħhom oġġettivament u b'mod differenti mill-esperjenza tagħhom bħala parteċipanti,

u biex jirriflettu fuq dak li ġara waqt is-simulazzjoni. Jistgħu wkoll jispjegaw ir-risposti tagħhom mill-kwestjonarju (jekk jimlewh), jindikaw in-nuqqasijiet tagħhom fl-għarfien tal-vokabularju/grammatika, jissuġġerixxu x'jista' jsir aħjar, eċċ. Waqt id-*debriefing* l-istudenti jistgħu jitgħallmu ħafna mill-esperjenza, tajba u ħażina, li kellhom waqt is-simulazzjoni.

Fil-każ tal-istudenti fil-livell bażiku, l-għalliem jista' jkollu jgħinhom jispjegaw x'għamlu u għalfejn billi jsaqsi mistoqsijiet bħal: "X'kien ir-rwol tiegħek?", "Fejn mort?", "X'ridt tagħmel/tixtri/issaqsi?", "Għalfejn għamilt hekk?", eċċ., minħabba li jista' jkun li ma jkunux jafu jispjegaw ruħhom sewwa bil-lingwa barranija. Wara li kulħadd ikun ta spjegazzjoni qasira, l-għalliem imbagħad ikun jista' jmexxi d-diskussjoni. Għall-istudenti fil-livell bażiku, id-diskussjoni tista' ssir bil-lingwa nattiva tagħhom.

L-iskop tad-*debriefing* mhuwiex biex jerġgħu jitqajmu l-argumenti diskussi waqt is-simulazzjoni, imma għandu jkun konċentrat fuq dawk l-aspetti tal-imġiba li l-għalliem jixtieq jenfasizza.
Ikun x'ikun il-każ, fil-*feedback* tiegħu l-għalliem għandu jkun pożittiv fil-kummenti li jgħaddi u kostruttiv fil-kritika li jagħmel. Lill-istudenti għandu jikkumplimentahom u jagħmlilhom suġġerimenti kif jistgħu jtejbu l-kontribut tagħhom. Jekk il-*feedback* ikun jidher negattiv wisq, l-għalliem għandu:

- Jistenna għal xi ħin biex ikun żgur li ma jirrispondix bir-"rabja";
- Iħares lejn il-feedback bħala opportunità ta' titjib u żvilupp, filwaqt li jiffoka fuq dawk l-aspetti li jħoss li jistħoqqilhom prijorità.

**L-Assessjar**
Huwa diffiċli li tagħti l-marki lil student għal xogħol li jkun għamel bħala parti minn grupp. Però, jekk juża l-materjal irrekordjat, jew in-noti li ħa huwa u josserva s-simulazzjoni, l-għalliem ikun jista' jassessja lil kull student b'mod dijanjostiku fuq il-kriterju ta' kemm xi ħadd li jaf jitkellem sewwa bil-lingwa barranija kien jifhem dak li qal l-istudent waqt l-eżerċizzju ta' simulazzjoni. Iktar għażliet/suġġerimenti għall-assessjar huma:

**Assessjar deskrittiv:**

- Tajjeb ħafna, mhux ħażin – jista' jkun aħjar, ma kontx kapaċi tlesti l-biċċa xogħol b'mod sodisfaċenti
- Sentenzi tat-tip "Jien naf/kapaċi nagħmel" (Formola biex l-istudent jassessja lilu nnifsu – Appendiċi 3)
- Formola għall-Assessment tal-Għalliem (Appendiċi 4)
- Portafolli: http://www.upv.es/diaal/publicaciones/amparo5.pdf

**Assessjar imħallat:**

- L-assessjar li l-istudent jagħmel tiegħu nnifsu + l-assessjar tal-għalliem + eżerċizzju bil-miktub (jista' ma jsirx)

Il-persentaġġ jew il-marka għandhom jiġu maqbula bejn l-għalliem u l-istudent.

## Mudell ta' Pjan ta' Lezzjoni Qasira

# Kul, ixrob u iddeverti!



Is-simulazzjoni li ġejja hija mifruxa fuq żewġ sessjonijiet u tirrikjedi li l-istudenti jorganizzaw, f'isem l-Assoċjazzjoni tal-Istudenti, dinner u concert-dance fi tmiem is-sessjoni kurrenti tal-kulleġġ.

Kull grupp għandu sessjoni waħda biex jiddeċiedi fuq id-dettalji ta' aspett partikolari tal-avveniment, bħal, pereżempju, il-post, il-menu, u l-bqija.  Fit-tieni sessjoni l-istudenti jirrappurtaw xi jkunu ftiehmu, biex imbagħad issir diskussjoni mill-klassi kollha dwar il-merti u n-nuqqasijiet tad-deċiżjonijiet meħuda minn kull grupp.

## Mudell ta' Pjan ta' Lezzjoni Qasira

**(Il-proċess kollu jitmexxa bil-lingwa barranija)**

## L-Ewwel Sessjoni

- L-għalliem jispjega lill-klassi kollha li l-Assoċjazzjoni tal-Istudenti tal-kulleġġ se torganizza buffet dinner u concert-dance biex tiċċelebra tmiem is-sessjoni kurrenti tal-kulleġġ, u li gruppi differenti ta' studenti se jieħdu ħsieb aspetti differenti tal-avveniment. Tintbagħat ittra lil kull grupp (ara l-ittra fuq il-paġna li jmiss).
- L-għalliem jispjega l-aspetti differenti involuti fl-organizzazzjoni tal-avveniment u jara f'liema aspett partikolari huwa interessat kull student individwali.
- L-għalliem jifforma l-gruppi. Hawnhekk il-kriterju li jiġi wżat ikun dak tal-interess muri mill-istudenti, għalkemm l-għalliem irid iżomm dejjem f'moħħu wkoll il-kriterju tal-lingwa u kriterji oħra.
- Kull grupp jirċievi kopja tal-ittra msemmija aktar 'il fuq. Il-parti tal-organizzazzjoni ppreferuta mill-grupp partikolari ma tkunx ingassata.
- L-għalliem jgħid lill-gruppi li għandhom sessjoni waħda biex jiddeċiedu fuq il-parti tagħhom tal-organizzazzjoni. Kull grupp jaħtar chairperson u segretarju biex jorganizza u jirrekordja x-xogħol tal-grupp.
- Il-gruppi jibdew jaħdmu. Iċ-chairperson imexxi l-proċess u s-segretarju jagħmel nota tal-punti rilevanti, tad-deċizjonijiet u tal-għażliet.
- L-għalliem idur mal-klassi, imma ma jipparteċipax u lanqas jindaħal fix-xogħol tal-gruppi, jew jikkorreġi l-iżbalji li jisma'. Jekk jinduna li l-istess żball qed jiġi ripetut, l-għalliem jagħmel nota b'mod diskret.

**Jekk is-sessjoni tkun qiegħda tiġi rrekordjata, l-għalliem ma jkollux għalfejn ikun preżenti.**

- L-għalliem għandu jiżgura li l-istudenti kollha jipparteċipaw. Jista' jkun li huwa jasal għall-konklużjoni li f'eżerċizzji oħra fil-futur il-formazzjoni tal-gruppi għandha ssir b'mod differenti. F'każ li l-attenzjoni tonqos, jista' jagħti l-każ li l-għalliem ikun alloka wisq ħin għall-eżerċizzju u għalhekk ikollu bżonn jibdel l-istruttura tal-lezzjoni f'simulazzjonijiet qosra li jsiru aktar 'il quddiem.

# Mudell ta' Pjan ta' Lezzjoni Qasira

**L-ittra mill-Assoċjazzjoni tal-Istudenti**

**24** ta' April 2004

Għeżież Sħabna Studenti,

Kif diġà tafu, l-Assoċjazzjoni tal-Istudenti se torganizza *buffet dinner* u *concert-dance* fl-okkażjoni ta' tmiem is-sessjoni 2003-04 nhar it-18 ta' Ġunju 2004.

Il-Kumitat jilqa' bil-ferħ l-għajnuna li qiegħed joffri l-grupp tagħkom u jkun grat jekk tieħdu ħsieb dak li għandu x'jaqsam mal-għażla tal- ~~kelliema/banda~~/ menu/~~drinks/trasport/post~~ għall-okkażjoni.

Il-Kumitat jerġa' jiltaqa' fit-3 ta' Mejju fit-3.30 ta' wara nofsinhar biex jiddiskuti l-progress li jkun sar.

Nistennew bil-ħerqa biex nisimgħu d-deċiżjonijiet tal-grupp tagħkom dwar l-aspett li jidher mhux ingassat iktar 'il fuq.

Dejjem tagħkom,

*Catrìona NicSuain*

Catrìona NicSuain
Segretarja

# Mudell ta' Pjan ta' Lezzjoni Qasira

**(Il-proċess kollu jitmexxa bil-lingwa barranija)**

## It-Tieni Sessjoni

- Kull grupp jagħżel kelliem li juża n-noti meħudin mis-segretarju.
- Il-kelliema jispjegaw l-għażliet/id-deċiżjonijiet tal-grupp tagħhom fir-rigward tal-organizzazzjoni tal-avveniment.
- Il-membri tal-gruppi l-oħra issa jistgħu jagħmlu mistoqsijiet lill-kelliema maħturin mill-gruppi. Pereżempju, għaliex għażiltu post X u mhux post Y? Għalfejn banda X u mhux banda Y? Il-kelliema jiddefendu d-deċizjoni tal-grupp, bl-għajnuna tal-membri l-oħra tal-grupp, jekk ikun hemm bżonn.
- Jista' jkun hemm il-lok li l-għalliem jirrepeti xi mistoqsijiet, u jikkorreġi xi żbalji b'mod prudenti. Iżda dan jiddependi min-natura tar-relazzjoni li teżisti bejn l-għalliem u l-istudenti.
- Meta l-klassi kollha tkun qablet fuq id-diversi aspetti tal-avveniment, tista' tittieħed nota tad-deċiżjonijiet fuq karta jew jitniżżlu fuq il-blekbord (jew *white* board).
- Minn dawn iż-żewġ sessjonijiet jista' joħroġ xogħol ieħor bil-kitba – disinn ta' *posters*, reklami, biljetti, eċċ.

# Mudell ta' Pjan ta' Lezzjoni Twila

**Kif tibqa' ħaj fuq gżira abbandunata**



Is-simulazzjoni li ġejja tirrikjedi li l-istudenti jimmaġinaw li, minħabba l-bdil fil-klima, il-partijiet il-baxxi tal-pajjiż jegħrqu, bir-riżultat li huma biss xi postijiet fil-għoli u l-gżejjer li jibqgħu mhumex perikolużi biex in-nies jgħixu fihom.

Il-gruppi jiġu allokati l-gżira ta' Mingulay li tinsab barra l-kosta tal-punent tal-Iskozja, u jridu jippreparaw pjani ta' evakwazzjoni.

Kull grupp huwa limitat għal 20 persuna li jridu jaqsmu għal Mingulay f'żewġ dgħajjes tas-sajd imdaqqsa. Għalhekk kemm in-numru tan-nies u anke dak li jieħdu magħhom huwa ristrett.

Is-simulazzjoni tieħu ħames sessjonijiet, iżda tista' titwal għal seba' sessjonijiet jekk jinħass il-bżonn, u skont x'ikun l-aħjar meta titqies l-abbiltà lingwistika tal-istudenti. Il-pjanijiet tal-lezzjoni jinsabu fil-paġni li ġejjin.

## Mudell ta' Pjan ta' Lezzjoni Twila

**(Il-proċess kollu jitmexxa bil-lingwa barranija)**

**L-Ewwel Sessjoni**

- L-għalliem jispjega lill-klassi li, minħabba l-bdil fil-klima, il-popolazzjoni lokali ħa jkollha tittrasferixxi ruħha għall-gżira ta' Mingulay, fejn hemm ħafna għoljiet. Madankollu mhux se jkun hemm post għal kulħadd. Fuq Mingulay ma baqax bini tajjeb għall-abitazzjoni u riesqa x-xitwa. Bażikament, l-istudenti jridu jagħżlu 20 persuna (jew tipi ta' persuni) li se jingħataw iċ-ċans li jwaqqfu din is-soċjetà ġdida u jsalvaw mix-xita qawwija li hija mistennija ma ddumx.
- L-għalliem jgħid lill-klassi li jridu:
    - o *Jikkordinaw l-għażla tan-nies;*
    - o *Jikkordinaw l-għażla ta' oggetti, ikel, fjuwill, oġġetti ta' interess kulturali, eċċ.;*
    - o *Jippreparaw għall-ewwel ftit ġimgħat tal-qagħda tagħhom fil-gzira;*
    - o *Jippjanaw il-pedamenti għal soċjetà vijabbli.*
- L-għalliem isaqsi x'inhuwa x-xogħol li jinteressa lil kull student, u jifforma l-gruppi skont din l-informazzjoni. (Jekk il-gruppi jkunux imħallta jew differenti hija deċiżjoni li jrid joħodha l-għalliem.)
- L-għalliem jispjega xi jrid isir waqt kull sessjoni u jagħmilha ċara li hu mhux se jipparteċipa fis-simulazzjoni.
- L-għalliem jinforma lill-klassi li l-eżerċizzju se jieħu ħames (jew seba') sessjonijiet, inkluża dik ta' dak il-ħin. L-aħħar sessjoni tkun għall-klassi kollha u fiha l-gruppi kollha jagħtu r-rapport tagħhom u jiġu diskussi r-riżultati.
- Madankollu, dejjem skont il-livell tal-klassi u tal-gruppi, l-eżerċizzju jista' jitqassam fuq seba' sessjonijiet. Hekk, ix-xogħol allokat għal waqt is-sessjonijiet 3 u 4 jinfirex fuq erba' sessjonijiet (is-sessjonijiet il-ġodda 3-6) u kull sessjoni tkun dedikata għal aspett wieħed biss tal-organizzazzjoni, minflok għal tnejn.

## Mudell ta' Pjan ta' Lezzjoni Twila

**It-Tieni Sessjoni**

- Kull grupp jingħata pakkett karti (simili għal dawk f'pg. 31) u l-membri jintalbu jiddeċiedu bejniethom kull wieħed minnhom f'liema aspett se jispeċjalizza. Wara li jisma' l-opinjonijiet tal-membri l-oħra, iċ-chairperson jiddeċiedi kif se jaħdem il-grupp waqt il-ftit sessjonijiet li ġejjin. Il-konsensus tal-grupp huwa importanti.
- Il-membri ta' kull grupp jaħdmu flimkien fuq il-pakkett tal-karti, u jinnotaw fejn hemm il-possibiltà ta' konflitt jew diffikultà, imma għalissa ma jiħdux deċiżjonijiet finali.
- Jistgħu wkoll jagħmlu listi ta' riżultati u jimmarkawhom +ve, -ve u "interessanti".

**It-Tielet Sessjoni (jew it-Tielet u r-Raba' Sessjoni għal diskussjoni aktar fid-dettall)**

- Il-gruppi jibdew jaħdmu fuq l-għażla tan-nies, eċċ, waqt li s-segretarju jieħu n-noti skont il-bżonn.
- Wara l-gruppi jiddeċiedu kif se jsir il-vjaġġ.

**Ir-Raba' Sessjoni (jew il-Ħames u s-Sitt Sessjoni għal diskussjoni aktar fid-dettall)**

- Il-gruppi jiddiskutu x'l-aħjar jagħmlu fl-ewwel ftit ġimgħat tagħhom fuq il-gżira.
- Imbagħad il-gruppi jiddiskutu x'jistgħu jagħmlu biex il-kolonja tibqa' vijabbli għal tul ta' żmien.

**Il-Ħames Sessjoni (jew is-Seba' Sessjoni għal diskussjoni aktar fid-dettall)**

- Il-kelliem ta' kull grupp jispjega d-deċizjonijiet tal-grupp u wkoll ir-raġuni li l-grupp ħa dawk id-deċiżjonijiet. Pereżempju: għalfejn Grupp A ddeċieda li ma jħallix nisa anzjani jew qassisin jingħaqdu mal-evakwazzjoni?
- Il-gruppi jagħmlu mistoqsijiet lill-kelliema ta' xulxin dwar l-għażliet li għamlu u d-deċiżjonijiet li ħadu u, jekk ikun il-każ, l-ispeċjalisti tal-aspett partikolari jistgħu jidħlu fid-diskussjoni biex jgħinu lill-kelliem tal-grupp tagħhom.
- Jekk il-ħin jippermetti, id-deċiżjonijiet ta' kull grupp għandhom jitpoġġew fejn il-klassi kollha tkun tista' taqrahom.

**Xogħol sussegwenti**

- Jekk iħoss il-ħtieġa, l-għalliem jista' juża l-osservazzjonijiet li jkun għamel waqt is-simulazzjoni biex jipprepara eżerċizzji riparatorji fuq elementi partikolari tal-lingwa.
- Jekk l-attività kienet irrekordjata, l-istudenti jistgħu jaraw il-parteċipazzjoni tagħhom stess waqt is-simulazzjoni. Dan għandu jilħaq żewġ skopijiet:
  - o Jinkoraġġixxi lill-istudenti billi jaraw lilhom infushom jaħdmu waqt li jitkellmu bil-lingwa barranija;
  - o Jgħinhom jaraw kif/jekk humiex qed jużaw ħażin il-vokabularju, l-istruttura u l-pronunzja.

- Jista' jkun ta' siwi li ssir diskussjoni li fiha tieħu sehem il-klassi kollha biex l-għalliem jara jekk tjiebx il-livell ta' dawk l-istudenti li kellhom nuqqas ta' kunfidenza.
- Is-simulazzjoni kollha tista' sservi ta' bażi għal varjetà ta' xogħol bil-kitba u anke orali.
- L-istudenti jistgħu jimlew il-formola ta' evalwazzjoni tagħhom infushom, u l-għalliem jagħtihom il-feedback tiegħu mill-evalwazzjoni li jkun għamel hu. Huwa importanti li l-istudenti jaraw il-kriterji tal-evalwazzjoni qabel issir is-simulazzjoni għax dan jimmotivahom biex jistinkaw biex iġibu marka ogħla.

## Decision Cards

**Min ġej magħkom?**

Għandkom wisa' għal 20 persuna biss.

Lil min se tagħżlu, p.e.: lill-imam/ministru/qassis/rabbi?
tabib/*infermier/first aider*?
in-nanniet?
għalliem tal-matematika/tal-primarja?
*Programmatur tal-kompjuter*?
mastrudaxxa/bennej/bajjad?
kantant tar-rap/hip hop/folk?

Għalfejn għażiltu dawk l-għoxrin?
Tixtiequ tibdlu d-deċiżjoni tagħkom?
Lil min kien faċli tagħżlu?
Lil min kien diffiċli tħalluh warajkom?

**X'se tieħdu magħkom?**

Ma tistgħux tieħdu wisq. Għandkom biss żewġ dgħajjes tas-sajd imdaqqsa biex iġġorru kollox u lil kulħadd.

CD *player*/DVD/vidjo/radju/TV?
kotba? – xi kwalità?
xemgħat/bozoz/*torċis*?
birra/vodka/*wiski*?
ikel iffriżat/imqadded/immellaħ?
sigaretti/sigarri/tabakk/eċċ?
materjal għall-bini?
suf/qoton/plastik iswed?

X'se jkollkom **bżonn** tabilħaqq?
Għandhom wisgħa għal affarijiet ta' lussu?

**L-Ewwel Ftit Ġimgħat**

Iż-żmien huwa għall-aħħar ta' Novembru. Nieżla x-xita u qiegħed jagħmel il-bard. Qiegħed iqum ir-riħ u dalwaqt jibda nieżel is-silġ.

L-uniku bini li baqa' fuq il-gżira huwa bla saqaf, bit-twieqi bla ħġieġ u l-bibien maqlugħin. Fuq l-għoljiet hemm nagħaġ u mogħoż selvaġġi. Fil-viċin hemm jikber xgħir selvaġġ u ħafur. Il-moll għadu fi stat tajjeb.

Jekk tinsew xi ħaġa essenzjali, x'tagħmlu mingħajrha? Ikun possibbli tgħaddu mingħajrha?

**Soċjetà Ġdida**

Jekk jirnexxilkom tgħaddu x-xitwa b'wiċċ il-ġid, tridu tippjanaw għall-quddiem. Is-soċjetà tkun tinħtieġ ikel, djar, infrastruttura u tfal.

Ikun biżżejjed biss li tgħixu? Dan se jfisser li jgħix min hu l-aqwa? Xi kwalità ta' soċjetà tridu tgħixu fiha? Tridu tikkreaw mill-ġdid is-soċjetà li tgħixu fiha bħalissa?

Kif tistgħu tpoġġu pedamenti biex tiżguraw li s-soċjetà tagħkom ma tiddeġenerax f'waħda tipika ta' "*Lord of the Flies*"?

## Biblijografija

Davis, R S (1996). Simulations: A Tool for Testing "Virtual Reality" in the Language Classroom. In JALT '95: Curriculum and Evaluation. Tokyo: Japan Association for Language Teaching

Jones, K (1982). Simulations in Language Teaching. Cambridge: Cambridge University Press

Jones, K (1983). Nine Graded Simulations. Muenchen: Max Hueber Verlag

Jones, K (1985). Designing your own Simulations. London: Methane

Jones, K (1987). Simulations: A Handbook for Teachers and Trainers (2nd ed.).
New York: Nichols Publishing

Krashen, S D (1982). Principles and practice in second language acquisition.
Oxford: Pergamon

Littlejohn, A (1990). Testing: The Use of Simulation/Games as a Language Testing Device.
In Crookall, D & Oxford, R L (eds). Simulation, gaming and language learning.
New York: Newbury House

McArthur, T (1983). A Foundation Course for Language Teachers.
Cambridge: Cambridge University Press

Sharrock, W W, & Watson, D R (1985). Reality Construction in L2 Simulations. In Crookall, D (ed). Simulation applications in L2 education and research. Oxford: Pergamon

http://uk.cambridge.org/elt/ces/methodolgy/simulation.htm

http://www.languages.dk/methods/methods.html

http://www.upv.es/diaal/publicaciones/amparo5.pdf

https://teaching.unsw.edu.au/

Wong Kate, diskussjonijiet fuq il-forum: www.teachingenglish.org.uk

# Appendiċi 1

**Formola għall-Feedback tal-Istudenti**

❶ *Jekk tqabbel din is-simulazzjoni ma' attivitajiet oħra lingwistiċi fil-klassi (bħal qari u taħriġ is-smigħ, eżercizzji ta' vokabularju u ta' grammatika, testijiet, xogħol tnejn tnejn, etċ.), kif issib is-simulazzjoni:*

a. **Iktar interessanti**
b. **Inqas interessanti**
c. **l-istess?**

❷ *Jekk ir-risposta tiegħek kienet "iktar interessanti", x'inhi r-raġuni?*
*(Tista' tagħżel aktar minn risposta waħda.)*

a. **Ħadt iktar pjaċir**
b. **Ħadt gost niddiskuti mal-grupp tiegħi**
c. **Kelli ċans/opportunità nitkellem bil-lingwa barranija iktar milli jkolli waqt lezzjonijiet oħra**
d. **Kont iktar rilassat għax ma kellix nitkellem quddiem l-għalliem jew quddiem il-klassi kollha**
e. **Il-parteċipazzjoni tiegħi ma kinitx tiddependi fuq it-test speċifiku li tgħallimt mill-kotba**
f. **Għar-raġunijiet kollha ta' hawn fuq**
g. **Raġunijiet oħra ________________________________________(jekk jogħġbok, speċifika)**

❸ *Kienu ċari biżżejjed l-istruzzjonijiet li ngħatajt bil-lingwa barranija qabel is-simulazzjoni? Kont taf x'kont mistenni tagħmel?*

a. **Iva**
b. **Le (l-istruzzjonijiet għandhom jiġu spjegati bil-lingwa nattiva)**
c. **Parzjalment (kelli bżonn xi ftit tat-traduzzjoni)**

❹ *Għoġbok il-grupp tiegħek?*

a. **Iva**
b. **Le, għax il-membri l-oħra ma pparteċipawx b'mod attiv/ma għenunix biżżejjed**
c. **Le, għax il-membri l-oħra jitkellmu ħafna aħjar minni u jien ma stajtx nikkontribwixxi wisq**
d. **Raġunijiet oħra ________________________________________(jekk jogħġbok, speċifika)**

❺ *Is-suġġett tas-simulazzjoni kien rilevanti għall-interessi personali tiegħek?*

a. **Iva**
b. **Le**
c. **Mhux għal kollox**
**Jekk mhux għal kollox, x'inhi r-raġuni? ______________________________**

____________________________________________________________

❻ *Ħassejt li s-simulazzjoni kienet utli għall-ħajja futura tiegħek (anke jekk ma kinitx tinteressak daqstant)?*

a. **Iva**
b. **Le**
c. **Mhux għal kollox**
**Jekk mhux għal kollox, x'inhi r-raġuni?** ________________________________
____________________________________________________________________________

❼ *Taħseb li l-mod kif ġiet addattata l-klassi (bl-assistenza viżwali ta' posters, oġġetti, il-formazzjoni ta' skrivaniji, etċ), kien ta' għajnuna u żied il-motivazzjoni?*

a. **Iva**
b. **Le**
c. **Mhux għal kollox**
**Jekk mhux għal kollox, x'inhi r-raġuni?** ________________________________
____________________________________________________________________________

❽ *Kellek ħin biżżejjed biex tiddiskuti x-xogħol li ried isir u taqbel fuq id-deċiżjonijiet mal-membri l-oħra tal-grupp?*

a. **Iva**
b. **Le**

❾ *Jekk irrispondejt "le", kemm ħin iktar taħseb li kien hemm bżonn?*

a. **Inqas minn 45 minuta**
b. **Madwar siegħa**
c. **Iktar minn siegħa**

❿ *10. Ħassejtu n-nuqqas tal-involviment tal-għalliem waqt is-simulazzjoni?*

a. **Iva, għax jien nixtieq feedback fuq l-iżbalji li nagħmel**
b. **Iva, għax il-grupp kellu bżonn l-għajnuna tiegħu biex ikompli**
c. **Le, għax naf inkun kreattiv (ma kellix bżonn min jgħidli x'nagħmel pass wara pass)**
d. **Le, għax il-membri kollha tal-grupp u jien kellna l-opportunità li naraw kemm għandna ħila nikkomunikaw meta ma nkunux waqt il-lezzjoni**
e. **F'xi waqtiet biss (f'mumenti partikolari)**
f. **Risposti oħra** ______________________________________________
______________________________________________ **(jekk jogħġbok, speċifika)**

⓫ *11. Liema metodi ta' evalwazzjoni jidhirlek li huma l-aħjar?*

a. **L-evalwazzjoni tal-għalliem ibbażata fuq dak li jkun osserva waqt is-simulazzjo ni (u fuq ir-recordings, jekk ikun il-każ)**
b. **Ir-riflessjoni tal-istudent fuqu nnifsu**
c. **L-evalwazzjoni tal-membri tal-grupp**
d. **Il-metodi kollha ta' hawn fuq**
e. **Taħlita ta'** ______________________________________________
______________________________________________ ____________________
**(jekk jogħġbok, speċifika)**

⓬ *12. Kif għandha tiġi assessjata s-simulazzjoni?*

a. **Ma jingħatawx marki**

b. **Bi gradi deskrittivi biss (p.e. tajjeb ħafna, mhux ħażin, mhux sodisfaċenti)**

c. **Bi grad magħmul minn: assessment mill-istudent innifsu (50%) u assessment mill-għalliem (50%)**

d. **Permezz ta' evalwazzjoni skont kriterji definiti minn qabel**

e. **Metodi oħra _______________________________________________(jekk jogħġbok, speċifika)**

⓭ *13. Tixtieq terġa' tipprattika l-ħiliet tiegħek fil-lingwa barranija waqt simulazzjonijiet oħra?*

a. **Iva**

b. **Le**

c. **Ma nafx/Ma nistax niddeċiedi issa**

⓮ *Liema suġġett/sitwazzjoni tagħżel għas-simulazzjoni li jmiss? (Tista' tagħmel iktar minn suġġeriment wieħed u tniżżilhom taħt xulxin skont il-prijorità)*

_________________________________________________________________

_________________________________________________________________

_________________________________________________________________

## Appendiċi 2

**FORMOLA GĦALL-OSSERVAZZJONIJIET TAL-GĦALLIEM**

| IMĠIBA u ATTIVITAJIET | Iva | Le | Parzjalment | Kummenti/Soluzzjonijiet Titjib meħtieġ |
|---|---|---|---|---|
| 1. Ħafna mill-istudenti wrew interess fis-suġġett/ xogħol magħżul | | | | |
| 2. L-istudenti nqdew bl-ambjent simulat (il-materjali wżati biex il-klassi tiġi addattata) biex jagħmlu tajjeb għan-nuqqasijiet tagħhom fil-vokabularju/frażijiet | | | | |
| 3. Spiss il-membri tal-grupp staqsew mistoqsijiet lil xulxin biex jikkonfermaw li kien hemm qbil jew li kienu qed jifhmu sewwa | | | | |
| 4. Il-membri tal-grupp stennew lil xulxin jieqfu jitkellmu mingħajr ma interrompew | | | | |
| 5. Il-membri tal-grupp spiss saqsew mistoqsijiet lil xulxin biex jiċċaraw xi affarijiet u ppruvaw isibu r-risposti | | | | |
| 6. Kien hemm ħafna drabi meta l-istudenti kkomunikaw b'mod mhux verbali waqt id-diskussjoni | | | | |
| 7. L-istudenti dehru jitfixklu meta ġew irrekordjati | | | | |
| 8. L-istudenti dehru li għoġbuhom ir-rwoli/id-doveri funzjonali | | | | |
| 9. Il-biċċa l-kbira tal-gruppi waslu għal soluzzjonijiet wara li nnegozjaw u mingħajr ma nħoloq konflitt | | | | |
| 10. Ħafna mill-istudenti wrew il-personalità tagħhom meta ddiskutew l-opinjonijiet tagħhom | | | | |
| 11. Il-gruppi baqgħu ffukati fuq ix-xogħol li kellhom jagħmlu minkejja li l-membri kellhom opinjonijiet differenti jew ma qablux | | | | |
| 12. Kien hemm drabi fejn id-diskussjoni spiċċat fix-xejn | | | | |
| 13. Il-membri tal-grupp ġabu ruħhom ma' xulxin b'mod pożittiv | | | | |
| 14. L-istudenti ħadu żbalji grammatikali u lessikali, però dan ma żammhomx milli jkomplu x-xogħol sal-aħħar | | | | |
| 15. L-istudenti wżaw frażijiet tajbin biex jesprimu l-qbil/in-nuqqas ta' qbil tagħhom u biex jiddefendu/jargumentaw favur l-opinjonijiet tagħhom | | | | |
| 16. L-istudenti kienu jafu x'kellhom jagħmlu waqt il-proċess kollu ta' simulazzjoni | | | | |

| **Konklużjonijiet dwar il-proċess kollu** | | | | |
|---|---|---|---|---|
| L-istrateġija tiegħi għall-formazzjoni tal-gruppi wasslet għal għażla ta' timijiet li ħadmu b'mod effettiv | | | | |
| L-istadju ta' preparazzjoni pprovda lill-istudenti bl-informazzjoni meħtieġa biex il-proċess ta' simulazzjoni jkun suċċess | | | | |
| Irnexxieli nżomm ir-rwol tiegħi ta' kontrollur (ma nindaħalx) matul il-proċess kollu ta' simulazzjoni | | | | |

## Appendiċi 3

**Mudell biex l-Istudent jassessja lilu nnifsu**

| GENERALI | | 1 | 2 | 3 | 4 | Skor |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Kapaċi nikkopera f'xogħol tal-grupp | Ma stajtx nikkopera | Ikkopeajt xi ftit imma ħallejt lill-membri l-oħra tal-grupp jagħmlu ħafna mix-xogħol | Ħafna mill-ħin ikkoperajt, imma stajt ikkoperajt iktar | Sibt li jien tajjeb biex nikkopera. Ikkontribwjt bis-sħiħ għax-xogħol tat-tim | |
| 2 | Naf nitkellem bil-*LB meta nitkellem mal-membri l-oħra tat-tim | Ma kontx naf nitkellem wisq bil-*LB | Użajt il-*LB imma kien diffiċli | Użajt il-*LB imma kien hemm xi affarijiet li ma kontx naf ngħidhom | Użajt il-*LB u sibtha faċli. Irnexxieli nitkellem tajjeb | |
| 3 | Naf niddefendi l-opinjonijiet tiegħi | Ippruvajt, imma ma tantx irnexxieli | Irnexxieli imma kien diffiċli | Irnexxieli mhux ħażin, imma mhux dejjem | Sibtha faċli | |
| 4 | Naf nagħti r-raġunijiet tiegħi għad-deċiżjonijiet li ħadt | Ippruvajt, imma ma tantx irnexxieli | Irnexxieli imma kien diffiċli | Irnexxieli mhux ħażin, imma mhux dejjem | Sibtha faċli | |
| 5 | Naf nagħmel suġġerimenti lill-grupp | Ippruvajt, imma ma tantx irnexxieli | Irnexxieli imma kien diffiċli | Irnexxieli mhux ħażin, imma mhux dejjem | Sibtha faċli | |
| 6 | Naf insaqsi lill-oħrajn jispjegawli dak li ma fhimtx | Ippruvajt, imma ma tantx irnexxieli | Irnexxieli imma kien diffiċli | Irnexxieli mhux ħażin, imma mhux dejjem | Sibtha faċli | |
| 7 | Kapaċi nlesti x-xogħol li ngħatajt | Ippruvajt, imma ma tantx irnexxieli | Irnexxieli imma kien diffiċli | Irnexxieli mhux ħażin, imma mhux dejjem | Sibtha faċli | |
| 8 | Kapaċi nuża sensiela ta' kliem biex nesprimi lili nnifsi | Il-vokabularju tiegħi huwa fqir wisq | Irnexxieli xi ftit imma għandi bżonn ta' aktar vokabularju | Irnexxieli mhux ħażin, imma kien hemm xi kliem li ma kontx nafhom | Sibt li kont naf ħafna mill-kliem. Sibtha faċli | |
| 9 | Naf nuża diversi strutturi grammatikali biex nesprimi lili nnifsi | Nafu nuża biss sentenzi ħfief | Nipprova nuża sentenzi itwal imma nsibha diffiċli | Jirnexxili mhux ħażin imma għandi bżonn nitgħallem iktar | Inħossni kunfidenti nuża varjetà ta' sentenzi | |
| **TOTAL** | | | | | | |

*LB = Lingwa Barranija

## SUĠĠETT/XOGĦOL SPEĊIFIKU

| "F'belt barranija" | | 1 | 2 | 3 | 4 | Skor |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Naf insaqsi d-direzzjonijiet u nifhem ir-risposti | Kien diffiċli wisq għalija li nagħmel dan | Għad irrid naħdem iżjed fuq il-vokabularju tiegħi u l-frażijiet | Irnexxieli imma kelli bżonn l-għajnuna tal-grupp | Irnexxieli nagħmel hekk b'mod indipendenti | |
| 2 | Naf nesprimi x-xewqa tiegħi biex inżur ċerti postijiet fil-belt u kapaċi nargumenta/ nispjega d-deċiżjonijiet tiegħi | Kien diffiċli wisq għalija li nagħmel dan | Għad irrid naħdem iżjed fuq il-vokabularju tiegħi u l-frażijiet | Irnexxieli imma kelli bżonn l-għajnuna tal-grupp | Irnexxieli nagħmel hekk b'mod indipendenti | |
| 3 | Naf insaqsi għal informazzjoni dwar bini importanti u servizzi oħra fil-belt bħal: bank, l-uffiċċju tal-informazzjoni għat-turisti, sptar | Kien diffiċli wisq għalija li nagħmel dan | Għad irrid naħdem iżjed fuq il-vokabularju tiegħi u l-frażijiet | Irnexxieli imma kelli bżonn l-għajnuna tal-grupp | Irnexxieli nagħmel hekk b'mod indipendenti | |
| 4 | Naf nispjega kif tasal għal destinazzjonijiet magħżula li jidhru fuq il-mappa tal-belt | Kien diffiċli wisq għalija li nagħmel dan | Għad irrid naħdem iżjed fuq il-vokabularju tiegħi u l-frażijiet | Irnexxieli, imma kelli bżonn l-għajnuna tal-grupp | Irnexxieli nagħmel hekk b'mod indipendenti | |
| 5 | etċ. | | | | | |
| **TOTAL** | | | | | | |

*LB = Lingwa Barranija

*TL= Target Language

## Appendiċi 4

**Mudell ta' formola għall-Assessjar tal-Għalliem**

| Isem l-istudent | | 1 | 2 | 3 | 4 | Skor |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | L-istudent kapaċi jikkopera f'xogħol ta' grupp | Ma kienx jaf jikkopera | Ikkopera kultant, imma ħalla lil sħabu jagħmlu ħafna mix-xogħol | Ikkopera ħafna imma seta' kkopera iżjed | Jikkopera tajjeb. Ikkontribwixxa bis-sħiħ għax-xogħol tat-tim | |
| 2 | L-istudent kapaċi juża l-*LB biex jitkellem ma' sħabu fit-tim | Ma kienx jaf juża l-*LB wisq | Uża l-*LB imma deher li sabha diffiċli | Uża l-*LB imma kien hemm xi affarijiet li ma kienx jaf jgħidhom | Uża l-*LB faċilment. Tkellem tajjeb ħafna | |
| 3 | L-istudent jaf jiddefendi l-opinjonijiet tiegħu | Ipprova imma ma tantx irnexxielu | Irnexxielu imma deher li sabha diffiċli | B'mod ġenerali rnexxielu, imma mhux dejjem | Irnexxielu tajjeb ħafna | |
| 4 | L-istudent jaf jagħti r-raġunijiet tiegħu għad-deċiżjonijiet li jagħmel | Ipprova imma ma tantx irnexxielu | Irnexxielu imma deher li sabha diffiċli | B'mod ġenerali rnexxielu, imma mhux dejjem | Irnexxielu tajjeb ħafna | |
| 5 | L-istudent jaf jagħmel suġġerimenti lill-grupp | Ipprova imma ma tantx irnexxielu | Irnexxielu imma deher li sabha diffiċli | B'mod ġenerali rnexxielu, imma mhux dejjem | Irnexxielu tajjeb ħafna | |
| 6 | L-istudent jaf isaqsi lil ħaddieħor jispjegalu dak li ma fehemx | Ipprova imma ma tantx irnexxielu | Irnexxielu imma deher li sabha diffiċli | B'mod ġenerali rnexxielu, imma mhux dejjem | Irnexxielu tajjeb ħafna | |
| 7 | L-istudent kapaċi jlesti x-xogħol assenjat lilu | Ipprova imma ma tantx irnexxielu | Irnexxielu imma deher li sabha diffiċli | B'mod ġenerali rnexxielu, imma mhux dejjem | Irnexxielu tajjeb ħafna | |
| 8 | L-istudent jaf juża sensiela ta' kliem biex jesprimi lilu nnifsu | Għandu vokabularju fqir wisq u għalhekk sabha diffiċli biex jesprimi ruħu | Għandu bżonn vokabularju ikbar, imma kellu biżżejjed biex seta' jesprimi ruħu | Għandu vokabularju adegwat. Ġeneralment irnexxielu jesprimi ruħu, imma kien hemm xi kliem li ma kienx jafhom | Għandu vokabularju tajjeb li rnexxielu juża b'ċerta flessibiltà | |
| 9 | L-istudent jaf juża varjetà ta' strutturi grammatikali biex jesprimi ruħu | Juża biss sentenzi ħfief | Jipprova juża sentenzi itwal imma jsibha diffiċli | B'mod ġenerali jirnexxilu, imma għandu bżonn jitgħallem aktar | Għandu l-kunfidenza biex juża varjetà ta' sentenzi | |
| **TOTAL** | | | | | | |

*LB = Lingwa Barranija